TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Hilary Galea Lauri

vs

Portelli & Brincat Ltd

CCT 186/21/MS

22 ta' Gunju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent pprezentat fl-1 ta' Novembru 2021 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' mija u erbghin Euro, depozitu imhallas ghal *zebra blinds* ordnati minghand is-socjeta' intimata, liema *blinds* qatt ma gew konsenjati.

Ra li s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta u lanqas ma dehret quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejha biex tixhed.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Mejju 2021 ir-rikorrent ordna *zebra blinds* minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €340.00 u hallas depozitu ta' €140.00 (Sales Order 001271). Il-*blinds* kellhom jigu konsenjati fi zmien tlett gimghat jew erbgha, pero' sa erba' xhur wara dawn kienu ghadhom mhux konsenjati. Ir-rikorrent spjega illi kien icempel diversi drabi pero' ma kienux jirrisponduh u meta mar hemm personalment dejjem kienu jgibu skuza wara l-ohra. Kellem kemm il-*manager* kif ukoll is-sid Mauro Portelli, li kien skuza ruhu mieghu ghas-servizz disgustanti, u bghattlu email fejn weghdu li kien ser jirrifondilu d-depozitu. Pero' s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u d-depozitu qatt ma gie rifuz.

It-Tribunal ra l-emails kollha skambjati bejn ir-rikorrent u s-sid Mauro Portelli, fejn jidher car illi dak kollu li xehed ir-rikorrent huwa minnu.
It-Tribunal jinnota wkoll illi hadd mis-socjeta' intimata ma deher quddiem dan it-Tribunal

biex jaghti x-xhieda tieghu. Dan ma jawgurax tajjeb u jkompli jinduci lit-Tribunal fil-fehma tieghu illi s-socjeta' intimata mhi xejn professionali u m'ghandha l-ebda rispett lejn il-klijenti taghha.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu u t-talba tieghu ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' mija u erbghin Euro (€140.00). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru